# X'NISTA' NSIR LA NIKBER?

## Karriera fl-Ambjent

fi ħdan l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (l-ERA)

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR

### Karriera fl-Ambjent. Tinteressak?

Fi ħdan l-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) naħdmu fuq numru ta' aspetti tal-ambjent, bħall-ħarsien tal-pjanti u l-annimali tagħna, il-kwalità tal-arja jew inkella kif niżguraw li ż-żibel ma jispiċċax fl-ambjent ta' madwarna.

**Int tkun interessat/a taħdem fuq hekk?**

Dan hu xogħol importanti ħafna għax li jkollna kwalità tal-arja tajba huwa importanti għas-saħħa, l-ambjent naturali u l-ġid tagħna.

Il-monitoraġġ tal-kwalità tal-arja jinvolvi apparat f'numru ta' postijiet f'Malta u Għawdex biex inkejlu l-affarijiet li wieħed isib fl-arja. Dan imbagħad jiġi studjat fil-laboratorju biex naraw ikunx hemm tniġġis. Hekk insiru nafu l-istat tal-kwalità tal-arja tagħna u nieħdu azzjoni jekk ikun meħtieġ. Fost il-proġetti li jsiru mill-ERA f'dan ir-rigward hemm dawk relatati mat-trasport sostenibbli, ir-riċerka, il-komunikazzjoni u l-għarfien, biex innaqqsu l-impatti fuq l-ambjent.

Tim ieħor jieħu ħsieb il-bijodiversità tagħna. Għalhekk għandna nies jistudjaw l-istat tal-pjanti u l-annimali tagħna, kif ukoll fejn jgħixu. Dan ix-xogħol iwassal għall-protezzjoni ta' speċi protetti, bħall-qanfud, il-fkieren, il-gremxul u s-siġar u l-pjanti l-oħra Maltin. Biex inħarsuhom isiru wkoll siti protetti kemm fuq l-art kif ukoll fil-baħar, bħal Natura 2000, li fihom nieħdu ħsieb li ma ssirx ħsara lill-pjanti u l-annimali protetti.



*Żomm kuntatt magħna!*

servizz pubbliku

Parti minn dan ix-xogħol hi li anke nieħdu ħsieb annimali mweġġgħa. Għalhekk jekk issir taf b'xi qanfud imweġġa' jew fekruna tal-baħar feruta, ċempel lill-ERA biex naraw kif inkunu nistgħu nsalvawhom u nerġgħu nitfgħuhom lura fis-selvaġġ malli jfiqu.

L-iskart ukoll jaffettwa lil dawn l-annimali u pjanti. Għalhekk tarmix żibel u skart barra, u armi fejn suppost. Nafu b'ħafna annimali li mietu minħabba plastik li weħel magħhom jew li kiluh bi żball.

Jekk tixtieq aktar tagħrif, fittex hawn: **facebook.com/era.org.mt**
u hawn: **era.org.mt**

